

Brussell, 24 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

10563/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0090(COD)

CODEC 977
ENER 325
ENV 652
CLIMA 310
IND 253
RECH 402
COMPET 532
ECOFIN 655

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 dwar il-ħżin tal-gass (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-23 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 194(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Mejju 2022².
3. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Fil-25 ta' Mejju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-ftehim li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew u awtorizza lill-Presidenza biex tibgħat ittra lill-President tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) li tistqarr li, jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma ppreżentata f'dik l-ittra, soġġett għal revizzjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

¹ ST 7406/22.

² Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

5. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-23 ta' Ġunju 2022³.
6. Fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jistieden lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument PE- CONS 24/22 bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
7. Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 24/22.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għal din il-pożizzjoni.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ ST 10562/22.